IR-RABAT

**KUNSILL LOKALI IR-RABAT**
**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA B'URĠENZA NUMRU G 34**

| | | |
|---|---|---|
| * | **Il-Kunsill iltaqa` nhar**<br>**Il-Erbgħa 11 ta' Frar 2015 fis-7.00 pm**<br>**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** | Data u ħin |

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| | |
| Is-Sra Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Luke Vella | Ambaxxatur |

**1.00 L-ispejjeż tad-*drainage house connections* fi Triq Santa Rita (Proġett Miżura 313)**

1.01 Is-Sindku Charles Azzopardi bħala *Project Leader* informa lil Kunsill li wara spezzjoni li għamel mal-kuntrattur irrizulta li hemm 7 residenzi/stabiliment kummercjali li qegħdin imqabdin mal-fossa u li hemm bzonn li jitqabbdu mas-sistema tad-drenaġġ. Hu qal li id-Dipatiment tas-Saħħa informa lil Perit li ma setax jobbilga lir-residenti jagħmlu din l-ispiża.

L-ispejjeż tad-*drainage house connections* fi Triq Santa Rita (Proġett Miżura 313)

1.02 Wara diskussjoni li saret is-Sindku qal li jekk mhux ser titieħed decizzjoni dwar il-problema tad-*drainage house connections* il-proġett ser jieqaf bir-riskju li jintilfu fondi mill-proġett.

Is-Sindku ppropona li r-residenzi/stabiliment kummercjali jiġu imqabbda mas-sistema tad-drenaġġ għas-spejjes tal-Kunsill sabiex jigu evitat ħsarat futuri fuq il-wiċċ ta' Triq Santa Rita, wara li jigi imħejji rapport mill-Konsulent Tekniku (Perit) tal-proġett dwar il-kaz. Dan ir-rapport għandu jintbagħat għal parir legali lid-

Dipartiment għall-Gvern Lokali u għall-approvazzjoni tan-nefqa mill-fondi tal-Kunsill. Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament.

1.03 Il-laqgħa ntemmet fis-7.45 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 24 ta' Marzu 2015

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**